# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 3609/2022/1**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Alfred Mifsud**

Illum 29 ta' Mejju 2025

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni miġjuba kontra l-appellant **Alfred Mifsud**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 800051(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fil-21 ta' Frar 2022 u/jew fix-xhur ta' qabel ġewwa tas-Sliema u/jew f'dawn i-Gżejjer:

1. bla ħsieb li jisraq jew li jagħmel ħsara kontra l-liġi, iżda biss biex jeżerċita jedd li jippretendi li għandu, ġiegħel bl-awtorita' tiegħu nnifsu lil xi ħadd iħallas dejn jew fixkel lil xi ħadd fil-pussess ta' ħwejġu jew iħott bini, jew kiser il-mixi tal-

ilma għalihom jew b'xi mod ieħor, kontra l-liġi, indaħal fi ħwejjeġ ħaddieħor.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-2 ta' April 2025, fejn il-Qorti, wara li rat Artikolu 85 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu u kkundannatu multa ta' elf u ħames mitt Euro (€1,500).

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fil-11 ta' April 2025 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"jogħġobha tħassar u tirrevoka s-sejbien ta' ħtija u tgħaddi biex tillibera lill-appellant mill-akkużi kollha dedotti kontra tiegħu."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-Risposta tal-Avukat Ġenerali għar-Rikors tal-appell tal-appellant, liema Risposta ġiet ippreżentata fit-13 ta' Mejju 2025.

Semgħet is-sottomissjonijiet finali bil-fomm.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza dwar appell minn sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fit-2 ta' April 2025.

Illi l-fatti ta' dan il-każ jirrigwardaw allegat *ragion fattasi* fejn jirriżulta li l-appellant u l-*parte civile* Anna Zelbst kellhom relazzjoni li kienet ilha li spiċċat. Wara li spiċċat ir-relazzjoni jidher li l-*parte civile* kienet kisbet id-dritt li toqgħod fl-appartament li huwa mertu ta' din il-kawża. Jidher li l-*parte civile* kienet infurmat lill-appellant li kienet sejra tivvaka l-appartament in kwistjoni minkejja l-jeddijiet tagħha u jidher ukoll li hija kienet qed tieħu ċertu ħin sabiex tiżvojta l-appartament. Għalhekk l-appellant, anke minħabba li allegatament kienu qed jonqsu xi

affarijiet li kienu jappartjenu lilu, qabad l-affarijiet tal-*parte civile* u poġġiehom fl-*istore* tiegħu u biddel iċ-ċavetta tal-bieb tal-istess appartament.

Illi qabel il-Qorti tgħaddi sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aggravji mressqa mill-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu jkun opportun li din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fid-29 ta' Mejju 2003 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Charles Victor Edward Cassar** (Numru 15/2003), fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi dan l-aggravju tal-appellant jirrigwarda bażikament l-apprezzament tal-fatti li għamlet l-Ewwel Qorti. Issa kif ġie ritenut ripetutament minn din il-Qorti diversament preseduta u anki kif illum preseduta, *"prinċipju fundamentali applikabbli fl-appelli kriminali huwa li l-Qorti ta' l-Appell ma tiddisturbax faċilment l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Ewwel Qorti, iżda tagħmel apprezzament approfondit ta' l-istess biex tara jekk l-Ewwel Qorti setgħetx, legalment u raġonevolment, tasal għall-konklużjoni li tkun waslet għaliha."* (App. Krim. "**Il-Pulizija vs. Joseph Zahra**" 10.5.02 u oħrajn). Il-Qorti tvarja tali apprezzament jekk tqis li fuq il-provi prodotti quddiem l-Ewwel Qorti u minnha traskritti ma jkunx *"safe and satisfactory"* li tinstab il-ħtija addebitata lill-appellanti."

Illi l-Qorti ser tgħaddi issa sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aggravji mressqa mill-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu.

**Ikkunsidrat**

Illi fl-<u>ewwel aggravju</u> tiegħu l-appellant jisħaq li l-elementi tar-reat ta' *ragion fattasi* ma ġewx ippruvati. Huwa jgħaddi sabiex jelenka dawn l-elementi li huma s-segwenti:

- att estern li jimpedixxi persuna oħra minn dritt li hija tgawdi u li jkun sar bid-dissens espliċitu jew impliċitu ta' dik il-persuna;

- l-imputat irid jemmen li qed jaġixxi bi dritt;

- ix-xjenza tal-imputat li qed jieħu b'idejh dak li suppost jieħu tramite l-proċess legali;

- l-att ma jinkwadrax ruħu f'reat aktar gravi.

Illi dwar l-<u>ewwel element</u> ossia *"att estern li jimpedixxi persuna oħra minn dritt li hija tgawdi u li jkun sar bid-dissens espliċitu jew impliċitu ta' dik il-persuna"*, l-appellant jgħid li dan l-element ma ġiex ippruvat minħabba li hu qatt ma neħħa xi dritt li l-*parte civile* kellha. Jispjega li l-fond in kwistjoni m'huwiex proprjeta' matrimonjali u li l-fond huwa proprjeta' tiegħu u li l-*parte civile* ma kellha l-ebda dritt ta' residenza wara li t-tfal tagħhom telqu mid-dar u li għalhekk hi ma ġietx imċaħħda mill-ebda dritt. Jgħid li l-*parte civile* stess ammettiet li hija ma kinitx għadha toqgħod fil-fond in kwistjoni hekk kif jirriżulta mir-rapport li għamlet. L-appellant isemmi li fix-xiehda mogħtija minnu huwa spjega li t-tfal tiegħu ma kienux għadhom jgħixu fil-fond in kwistjoni u jtenni li dan jikkorrobora l-indirizz tas-Swieqi u għal fini ta' kredibilita' tal-*parte civile* jirriżulta li xehdet falz meta stqarret li kienet għadha tgħix fl-appartament. Jispjega li għal dan ir-reat ried jiġi ppruvat li l-*parte civile* kellha pussess tal-post u li permezz tal-att estern ġiet spussessata minnu.

Illi l-appellant jargumenta li l-att estern ikun neħħa l-pussess minn id il-*parte civile* l-mobbli li hija ħalliet fil-fond *de quo*. Jargumenta li kienet hija stess li spussessat ruħha mill-mobbli meta għażlet li ma teħodhomx magħha minkejja li kienet taf li darba li t-tfal telqu mill-fond hija ma kien baqgħala l-ebda dritt fuq l-appartament. Jisħaq li ma kienx hemm xi att minn naħa tiegħu li spussessa lill-*parte civile* stante li ċaqlaq il-mobbli għal ġo garaxx u ta ċ-ċavetta lit-tifel tiegħu bl-istruzzjoni li jgħaddi ċ-ċavetta lill-*parte civile* meta

kellha bżonn. Jispjega kif il-*parte civile* ħadet l-oġġetti u li għalhekk ma ġietx spussessata.

Illi rigward it-tieni element, u ċioè li imputat irid jemmen li qed jaġixxi bi dritt, l-appellant jispjega kif l-Ewwel Qorti qieset dan l-element sodisfatt ġialadarba huwa biddel is-serratura tal-bieb sabiex hu jkun jista' jwaqqaf lill-*parte civile* milli tibqa' teħodlu l-affarijiet personali tiegħu mill-appartament. Jgħid li huwa diġa' kellu l-pussess tal-fond in kwistjoni u dana bil-permess tal-*parte civile*. Jirreferi għal messaġġ mibgħut mill-*parte civile* fejn hija kkonfermat li hu kien qiegħed iwettaq xi xogħlijiet u għalhekk kellu l-pussess bil-permess tagħha. Ikompli jgħid li huwa sab xi mobbli neqsin mill-appartament u li huwa biddel iċ-ċavetta sabiex ma tkomplix tikber il-ħsara. Jargumenta li l-aġir tiegħu kien jixbah dak tal-*auto-tutela* istantanju f'ċirkostanzi fejn ma jkollux żmien sabiex jirrikorri lejn l-awtoritajiet fil-kuntest fejn huwa aġixxa meta diġa' kellu pussess tal-fond. Għalhekk jgħid li ma jistax jingħad li huwa wettaq ir-reat ta' *ragion fattasi*. Jispjega li tant aġixxa b'mod kawt li huwa poġġa l-affarijiet tal-*parte civile* fi proprjeta' oħra tiegħu u dan wara li kien ingħata l-pussess tal-fond.

Illi rigward it-tielet element, ossia x-xjenza tal-imputat li qed jieħu b'idejh dak li suppost jieħu tramite l-proċess legali, l-appellant jargumenta li wieħed ma għandux jistenna li persuna tħalli jsirilha l-ħsara mingħajr ma tieħu azzjoni biex titnaqqas din il-ħsara. Jargumenta li mhijiex ġusta li persuna tkun mistennija tħalli l-affarijiet għaddejjin u ma jieħux azzjoni immedjata biex inaqqas u jneħħi din il-ħsara, speċjalment in vista tal-fatt illi l-pussess kien diġa' f'idejh, kien ingħata terminu fiss u ħaddieħor ma kellux dritt jew tgawdija tal-appartament tiegħu.

Illi rigward ir-raba' element, u ċioè li l-att ma jinkwadrax ruħu f'reat aktar gravi, l-appellant jispjega li l-aġir tiegħu ma jinkwadrax taħt l-ebda reat ieħor stante li huwa kien qed jipproteġi dak li huwa tiegħu. Jgħid li huwa ma ċaħħadx lill-*parte civile* mit-tgawdija tal-oġġetti tagħha għaliex hi minn dejjem kellha aċċess għalihom. Jisħaq li r-reat ta' *ragion fattasi* kien jissussisti

kieku huwa sakkar l-appartament tiegħu u rrifjuta li jagħti l-oġġetti lura lill-*parte civile*.

Illi din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tara jekk minn dak li jirriżulta mill-atti proċesswali l-Ewwel Qorti setgħetx issib lill-appellant ħati tar-reat ta' *ragion fattasi* jew dak li jissejjaħ *"the exercise of a pretended right"* li huwa ġie akkużat bih.

Illi għandu jingħad li l-azzjoni bbażata fuq Artikolu 85 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta hija speċi ta' żona griġja bejn il-kamp ċivili u dak kriminali tant li meta kien qed jiġi abbozzat il-Kodiċi Penali Malti, Sir Andrew Jameson fir-Rapport tiegħu kien osserva s-segwenti:

> *"It is doubtful whether acts of this kind would not be better left to the operation of the ordinary civil remedies by way of interdict of or claim for damages..."* (Ara Prof. Sir Anthony Mamo – Notes on Criminal Law (1958 edit.), Parti Specjali – Vol. II).

Illi l-elementi tar-reat ta' *ragion fattasi* ġew miġbura fid-definizzjoni analitika mogħtija fl-14 ta' Ottubru 1944 fis-sentenza ta' l-appell kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Giuseppe Bonavia et** (Vol. XXXII – IV, p.768) u dawn jinkludu:

- <u>l-ewwel element</u>: att estern li jimpedixxi persuna oħra minn dritt li hija tgawdi, u li jkun sar bid-dissens espliċitu jew impliċitu ta' dik il-persuna;

- <u>it-tieni element</u>: l-aġent irid jemmen li qed jaġixxi bi dritt;

- <u>it-tielet element</u>: ix-xjenza tal-aġent li qed jieħu b'idejh (*"di privato braccio"*) dak li suppost jieħu tramite l-proċess legali;

- <u>ir-raba' element</u>: l-att ma jinkwadrax ruħu f'reat aktar gravi.

Illi, kif dejjem ġie ritenut, element importanti kostituttiv ta' dan ir-reat hu dak intenzjonali fis-sens li l-aġir ta' dak li jkun irid ikun

magħmul bil-ħsieb li hu qed jeżerċita dritt li jaħseb li għandu għad-distinzjoni mir-reati, per eżempju, ta' serq jew danni volontarji fuq proprjeta' ta' ħaddiehor. Għalhekk hemm bżonn li ssir indaġni fuq il-movent li jkun wassal lill-persuna li kkommettiet dan ir-reat biex tagħmel dak li għamlet. L-element materjali invece jikkonsisti f'illi wieħed jippriva persuna oħra minn xi dritt fuq ħaġa li għandu t-tgawdija tagħha.

Illi r-reat ma jissussistix meta l-att materjali jikkonsisti fir-retenzjoni ta' pussess li dak li jkun diġa' ikollu. Hemm bżonn li jkun hemm att pożittiv li jippriva lit-terz jew ifixklu fil-pussess tal-ħaġa għax kif jgħid **Carrara** (Prog. Parte Speciale, Vol. 5, para. 2850):

> *"L'atto esterno deve privare l'altro contro sua voglia di un bene che gode. Chi é nell'attuale godimento di un bene e continua a goderne a dispetto di chi non voglia; non delinque perché la legge protegge lo "stato quo", il quale non puó variarsi tranne per consenso degli interessati o per decreto della autoritá giudiziale."*

Illi fir-rigward tar-raba' element hawn fuq imsemmi għandu jingħad li n-nuqqas ta' titolu jirrendi l-fatt aktar gravi b'dan illi huwa suffiċjenti li jikkonkorru l-ewwel tliet elementi. Għall-finijiet tar-reat ta' *ragion fattasi* huwa biżżejjed xi forma ta' pussess.

Illi l-ġurisprudenza wkoll timxi mal-prinċipju li *"r-reat ta' ragion fattasi mhux meqjus bħala delitt kontra l-proprjeta' iżda bħala delitt kontra l-amministrazzjoni tal-ġustizzja u amministrazzjonijiet pubbliċi oħra."*[1] Għandu jingħad li Artikolu 85 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta huwa ntiż biex dak li jkun ma jieħux il-liġi b'idejh.

Illi dwar il-każ li għandha quddiemha din il-Qorti, din il-Qorti tinnota li l-appellant, primarjament, jiddefendi ruħu billi jisħaq li l-*parte civile* kienet diġa' abbandunat il-fond in kwistjoni. Huwa jtenni li kien hemm ftehim fejn il-*parte civile* kienet qablet li kienet

[1] Ara **Il-Pulizija vs. Georgina Gauci** tas-7 ta' Jannar 1998, Qorti tal-Appell Kriminali.

sejra titlaq mill-post u li għalhekk hija rrinunzjat għal pussess tal-post. L-appellant jibbaża d-difiża tiegħu fuq messaġġ minnu ppreżentat waqt ix-xiehda tiegħu mogħtija fil-5 ta' Ġunju 2023.

Illi din il-Qorti qrat bir-reqqa il-messaġġ in kwistjoni li jaqra hekk (Dok. "AM 1" – *a fol.* 23):

> "I took the next 4 days off from work to be able to carry the rest of my stuff. You know by law you cannot change the lock before I move out. Let me remind you that I am moving out from my own free will because my sons place is not livable at the moment. As you well know because all workmen you dealt with have told me the same thing X'ĠENN GĦANDU BIEX IFITTXU JOĦORĠULU MINN HEMM. Kollha kelma waħda. Never mind I know what a shitty father you always were. So I am send you this message to inform you that even though I can stay here as long as I am with kids, I chose to move out but even the court gives me my right and time to move my stuff. Issa għamel int. Jekk tibdel il-lock and my stuff is still in here, jien nifqa' il-bieb u nċempel l-għassa. Show this to your lawyer if you want."

Illi minn dan il-messaġġ din il-Qorti tislet is-segwenti punti:

- Huwa minnu li l-*parte civile* kienet qegħda fil-proċess li tiżvojta l-appartament;

- Huwa minnu wkoll li l-*parte civile* kienet fi proċess li titlaq mill-fond tant huwa hekk li hija tfakkar li kienet sejra toħroġ mill-post minn jeddha;

- Jidher li kien hemm xi ħaddiema iżda mhux ċar jekk dawn kienux qed iwettqu xi xogħlijiet jew għamlu xi sopraluog. Din il-Qorti tgħid dan minħabba li hemm rimarka fejn jiġi ndikat li l-appellant għandu seba' mitt sena sakemm il-*parte*

*civile* toħroġ mill-fond. Fil-fehma ta' din il-Qorti, din hija indikazzjoni li l-*parte civile* kienet għadha fil-fond *de quo*.

Illi mill-messaġġ hawn fuq ċitat ma jirriżultax li sa dak il-mument il-*parte civile* kienet irrinunzjat għal pussess tal-post. Tant huwa hekk li tgħid is-segwenti (Dok. "AM 1" – *a fol.* 23): *"Jekk tibdel il-lock and my stuff is still in here, jien nifqa' il-bieb u nċempel l-għassa."*

Illi din il-Qorti tqis li waqt ix-xiehda mogħtija mill-appellant quddiem l-Ewwel Qorti fil-5 ta' Ġunju 2023, huwa jirrikonoxxi li l-*parte civile* għandha d-dritt toqgħod fil-fond in kwistjoni. Huwa xehed hekk (*a fol.* 20): *"Meta mbagħad jiena għamilt rapport lill-Pulizija u kelli nibdel is-serratura għax indunajt meta mort li kienet ħadet l-affarijiet tiegħi. Hi kellha d-dritt li toqgħod hemmhekk imma ma kelliex dritt tieħu l-affarijiet tiegħi minn hemmhekk, allura kelli nibdel is-serratura biex ma tkompliex tieħu l-affarijiet li huma tiegħi."*

Illi rigward l-argument jekk il-*parte civile* kinitx għadha toqgħod jew le fil-fond mertu ta' dan il-każ, din il-Qorti tinnota li dan ma jnaqqas xejn mill-fatt li hija kien għad kellha l-pussess tiegħu. Di piu, din il-Qorti nnutat li fil-messaġġ il-*parte civile* tuża l-frażi *"still in here"*. Il-fatt li hija tuża il-kelma *"here"* juri b'mod oġġettiv li hija kienet għadha toqgħod fil-post.

Illi l-appellant jargumenta li t-tfal ma kienux għadhom jgħixu fl-appartament f'tas-Sliema iżda dan huwa merut mill-indirizzi li hemm fl-atti proċesswali fejn l-indirizz ta' Alain Alexander Mifsud huwa ndikat (*a fol.* 3) bħala proprju l-post in kwistjoni. Apparti minn dan, waqt is-sottomissjonijiet bil-fomm li nstemgħu quddiem din il-Qorti jingħad mill-konsulent legali tal-appellant li l-ftehim li kien hemm kien li l-*parte civile* jkollha l-jedd tibqa' fil-fond *de quo* sakemm iż-żewġt ulied jkunu jgħixu hemm bl-*intendere* li hija titlef tali jedd jekk wieħed minnhom jitlaq. Din il-Qorti tinnota li dan l-argument, minbarra li ma jagħmilx sens, jiġi merut mill-istess appellant waqt ix-xiehda mogħtija minnu quddiem l-Ewwel Qorti fil-5 ta' Ġunju 2023 fejn huwa jammetti li l-*parte civile* kellha l-jedd tgħix fil-fond in kwistjoni.

Illi mhux ta' fejda l-argument imressaq mill-appellant fejn huwa jispjega li l-*parte civile*, wara li ngħatat iż-żmien u talbet sabiex tivvaka l-fond in kwistjoni u dan iż-żmien għadda, irrinunzjat għal pussess. Il-*parte civile* kienet tkun irrinunzjat għal post kieku hija rritornat iċ-ċavetta lill-appellant, fatt dan li ma seħħx, għalhekk ma jistax jingħad li hija rrinunzjat għal pussess.

Illi l-appellant jargumenta wkoll li huwa qatt ma neħħa lill-*parte civile* l-pussess tal-affarijiet tagħha. Jispjega li neħħa mill-appartament dak li kien fadal mill-affarijiet tal-*parte civile* u poġġihom fi *store* li kellu. Din il-Qorti hija tal-fehma li l-aġir tal-appellant xorta mhux ta' fejda u tgħid dan minħabba li mit-traskrizzjoni tad-depożizzjoni mogħtija minnu quddiem l-Ewwel Qorti jirriżulta s-segwenti (*a fol.* 19):

> "Dr Albert Libreri:
> Sewwa u ara ngħidx sew poġġejthom fl-istore u ċavetta tal-istore lil Anna Zelbst ma tajthiex.
>
> Alfred Mifsud:
> U lanqas ser nagħtiha, ċ-ċavetta tal-istore tajtha lit-tifel biex sempliċiment jekk Anna tkun trid xi ħaġa jmur jiftħilha hu u fil-fatt biex ħadet il-fridge għax il-fridge riedet hi biex biegħetha ma fetħilha u ħadtha dak kollox."

Illi dan il-kliem huwa ċar. Minnu ma jirriżultax li l-*parte civile* kien għad kellha l-pussess tal-affarijiet tagħha tant huwa hekk li kienet dipendenti fuq terz sabiex hija tkun tista' taċċedi għal ħwejjiġha. Għalhekk mhux korrett l-appellant meta jgħid li ma neħħiex lill-*parte civile* l-pussess tal-affarijiet tagħha.

Illi dwar it-tieni element, din il-Qorti diġa' rrimarkat kif fil-fehma tagħha l-*parte civile* kienet għadha ma rrinunzjatx għall-pussess tal-fond *de quo*. Il-fatt li allegatament l-appellant sab xi affarijiet neqsin mhijiex skuża. Dak li messu għamel l-appellant huwa li jitlob l-intervent tal-awtoritajiet. Meta l-appellant qabad u biddel is-serratura, huwa kien qed jaġixxi b'dak li ħaseb huwa dritt

tiegħu. Iżda dan ma kienx il-każ. Din il-Qorti tirrimarka wkoll li ma hemm l-ebda prova fl-atti proċesswali fejn b'xi mod jidher li l-*parte civile* ħadet xi affarijiet lill-appellant. Dwar dan il-punt din il-Qorti tagħmel riferenza għal verbal tas-seduta miżmuma quddiem l-Ewwel Qorti fit-8 ta' Jannar 2025 fejn hemm verbalizzat is-segwenti (*a fol.* 37):

> "Il-partijiet jaqblu illi l-provi li qed jinstemgħu f'din il-kawża jgħoddu għal kawża li miexja flimkien ma' din il-kawża bin-numru 3612/2022 salv fejn il-prova tiġi espressament eskluża b'dikjarazzjoni tal-partijiet."

Illi ma jistax jingħad li fl-atti proċesswali ta' din il-kawża hemm xi prova li tikkorrobora dak li jgħid l-appellant rigward il-fatt li nsterqulu xi affarijiet. Għalhekk lanqas jista' wieħed jitkellem dwar xi *auto tutela*. Fl-aħħar mill-aħħar, l-appellant jidher li sab il-ħin jagħmel ir-rapporti neċessarji u għalhekk din il-Qorti ma tarax għalfejn kellu jibdel is-serratura sabiex ikun jista' jagħmel tali rapport!

Illi ġialadarba ġie stabbilit dak li ngħad hawn fuq, din il-Qorti hija tal-fehma li bil-fatt li l-appellant biddel iċ-ċavetta tal-bieb tal-appartament huwa wettaq att estern liema att sar bid-dissens tal-*parte civile*. Tant huwa hekk li hija tgħidlu li jekk jibdel iċ-ċavetta hija tifqa' l-bieb. Mill-istess difiża li l-appellant allura imputat ressaq jidher li huwa aġixxa għax jaħseb li kellu dritt. Dan jirriżulta mill-fatt li jargumenta li l-*parte civile* spussessat ruħha. Minbarra dan l-appellant jargumenta li huwa biddel iċ-ċavetta sabiex iwaqqaf lill-*parte civile* milli teħodlu l-affarijiet tiegħu. Huwa fil-fatt jgħid li hija ma kellhiex tali jedd. Jirriżulta wkoll li l-appellant kien jaf li l-*parte civile* kellha d-dritt toqgħod fil-fond *de quo*. Dan joħroġ mix-xiehda mogħtija mill-appellant hekk kif imsemmi aktar 'il fuq f'din is-sentenza.

Illi dwar ir-raba' element, din il-Qorti taqbel mal-appellant u ċioè li l-azzjoni mwettqa minnu ma tikkonfigurax taħt xi reat aktar gravi. Minkejja dan, kif ingħad aktar 'il fuq f'din is-sentenza,

huwa suffiċjenti li jikkonkorru l-ewwel tliet elementi u li għall-finijiet tar-reat ta' *ragion fattasi* huwa biżżejjed xi forma ta' pussess.

Illi tenut kont ta' dak kollu li ngħad hawn fuq fir-rigward tal-ewwel aggravju jsegwi li dan l-aggravju jistħoqq li jiġi miċħud.

**Ikkunsidrat**

Illi fit-tieni aggravju tiegħu l-appellant jisħaq li l-element intenzjonali tar-reat huwa nieqes. Huwa jargumenta li ma ġiex ippruvat li huwa aġixxa sabiex iċaħħad lill-*parte civile* milli tkompli bl-użu jew it-tgawdija tal-oġġetti tagħha. Jgħid li dan l-element huwa essenzjali għar-reat ta' *ragion fattasi*. Ikompli li dan mhux il-każ fejn huwa biddel iċ-ċavetta biex jispussessa lill-*parte civile* mill-proprjeta' tagħha anzi, huwa poġġa kollox ġo garaxx u għadda c-ċavetta sabiex tkun tista' tieħu l-affarijiet tagħha. Ikompli jgħid li dak li għamel kien biss li waqqaf milli jinsterqulu aktar affarijiet u mhux li jispussessa lill-*parte civile* mill-oġġetti tagħha. Jispjega li hija xorta kellha l-pussess tal-oġġetti tagħha permezz taċ-ċavetta li għaddielha u għalhekk jgħid li huwa ma kellux il-*mens rea* neċessarju sabiex jitwettaq dan ir-reat.

Illi din il-Qorti tgħid mal-ewwel u mingħajr l-ebda tlaqlieq li dan l-aggravju huwa wieħed bla bażi. Kif diġa' ġie msemmi fil-konsiderazzjonijiet dwar l-ewwel aggravju, l-appellant irrikonoxxa waqt ix-xiehda tiegħu li l-*parte civile* kellha d-dritt toqgħod fil-fond in kwistjoni. Dan jirriżulta bl-aktar mod ċar. Jirriżulta wkoll li huwa lanqas għadda ċ-ċavetta tal-istore lill-*parte civile* sabiex forsi hija jkollha aċċess għal affarijiet tagħha, iżda hija kienet dipendenti fuq terz sabiex taċċedi għal affarijiet tagħha. Dan huwa fatt li juri li l-appellant ried jispolja lill-*parte civile* mill-aċċess għal affarijiet tagħha.

Illi, apparti dak li ngħad hawn fuq, l-appellant kien jaf li sakemm il-*parte civile* kien għad kellha l-affarijiet tagħha fl-appartament hija ma kinitx għadha rrinunzjat għalih. Dan tant huwa hekk li fil-messaġġ ippreżentat mill-appellant, il-*parte civile* tgħidlu li jekk ibiddel iċ-ċavetta sakemm ikun għad kellha l-affarijiet ġol-post

hija kienet sejra tifqa l-bieb. Dikjarazzjoni aktar ċara minn hekk wieħed diffiċli jsib. Minkejja dan, l-appellant xorta ddeċieda li jibdel iċ-ċavetta. Għalhekk jirriżulta ċar l-element formali tar-reat fejn l-appellant iddeċieda unilateralment li jagħlaq l-aċċess tal-appartament lill-*parte civile*. Rigward l-argument imressaq mill-appellant li huwa aġixxa bil-mod li aġixxa sabiex iwaqqaf lill-*parte civile* milli tisraqlu l-affarijiet, din il-Qorti diġa' irrimarkat kif ma tressqet l-ebda prova dwar dan.

Illi meħud in konsiderazzjoni dak li ngħad hawn fuq fir-rigward tal-aggravju in eżami jsegwi li l-Ewwel Qorti setgħet legalment u raġonevolment tasal għal konklużjoni li waslet għaliha bil-konsegwenza li anke dan l-aggravju qed jiġi miċħud ukoll.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellant Alfred Mifsud u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**